

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 959/2013

tas-7 ta' Ottubru 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1291/2009 li jikkonċerna l-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet bl-iskop li jiddeterminaw l-introjtu tal-azjendi agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4) u 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1291/2009 ⁽²⁾ jstabbilixxi l-limiti minimi għad-daqs ekonomiku tal-azjendi agrikoli u l-Anness ta' dak ir-Regolament jistipula l-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal kull diviżjoni. Minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja, għandu jiġi stabbilit il-limitu, kif ukoll l-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal dak l-Istat Membru l-ġdid.

(2) Barra minn hekk, jinħtieġ li tiġi stabbilita d-data sa meta l-Kroazja għandha tissottometti l-ewwel pjan tal-għażla tagħha tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet lill-Kummissjoni.

(3) Il-bidla strutturali fl-Italja wasslet għal tnaqqis fl-għadd tal-iżgħar azjendi u fil-kontribut tagħhom għall-produzzjoni agrikola totali, bl-implikazzjoni li ma hemmx il-ħtieġa li jitqiesu dawk l-azjendi fil-qasam tal-istħarriġ bl-għan li jkopri l-aktar parti rilevanti mill-attività agrikola. Sabiex tkun garantita rappreżentattività aktar effiċjenti tal-kampjun Taljan, il-limitu għall-Italja għandu jiġi adattat u l-għadd tal-irziezet għandu jiġi aġġustat.

(4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 1291/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabbiltà tal-Irziezet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) bejn l-inċiżi li jikkonċernaw lil Franza u l-Italja, għandu jiddaħħal l-inċiż li ġej:

“— Il-Kroazja: EUR 4 000”

(b) l-inċiż li jikkonċerna l-Italja għandu jinbidel b'dan li ġej:

“— L-Italja: EUR 8 000”

(2) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Għas-sena fiskali tal-2013 il-Kroazja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-pjan tal-għażla tagħha sal-31 ta' Ottubru 2013.”

(3) L-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kroazja dan għandu japplika mis-sena fiskali 2013.

Għall-Italja dan għandu japplika mis-sena fiskali 2014.

⁽¹⁾ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1291/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009 li jikkonċerna l-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet bl-iskop li jiddeterminaw l-introjtu tal-azjendi agrikoli (ĠU L 347, 24.12.2009, p. 14).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

(1) Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1291/2009, ir-ringiela li jmiss tidħol bejn ir-ringieli għal Franza u l-Italja.

"860	Il-KROAZJA	1 251"
------	------------	--------

(2) Ir-ringieli li jikkonċernaw l-Italja huma ssostitwiti b'dawn li ġejjin:

	"L-ITALJA	
221	Valle D'Aosta	170
222	Piemonte	594
230	Lombardia	717
241	Trento	282
242	Bolzano	338
243	Veneto	707
244	Friuli	451
250	Liguria	431
260	Emilia Romagna	873
270	Toscana	577
281	Marche	452
282	Umbria	460
291	Lazio	587
292	Abruzzo	572
301	Molise	342
302	Campania	667
303	Calabria	510
311	Puglia	723
312	Basilicata	400
320	Sicilia	706
330	Sardegna	547
	Total l-Italja	11 106"